



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Marzu 2022
(OR. en)

7416/22

COAFR 81
COHOM 27
COHAFA 34
COTER 80
POLMAR 27
ECO 23
CLIMA 122
ENV 254

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Il-Kamerun

- Konklużjonijiet tal-Kunsill (21 ta' Marzu 2022)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kamerun kif approvati fit-3859 laqgħa tal-Kunsill fil-21 ta' Marzu 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kamerun

1. Il-Kamerun u l-UE ilhom żmien twil sħab b'interess komuni fit-tisħiħ ulterjuri tal-kooperazzjoni tagħhom. L-UE tagħti importanza kbira lis-sħubija tagħha mal-Kamerun u tafferma mill-ġdid ir-rieda tagħha li tintensifika l-impenn mal-Gvern, l-awtoritajiet lokali u s-soċjetà ċivili fl-oqsma kollha ta' interess reċiproku.
2. L-UE thegġegħ lill-Gvern tal-Kamerun biex jiżgura ambjent politiku paċifiku u kompletament inklużiv fejn l-oppożizzjoni u s-soċjetà ċivili, inkluż in-nisa u ż-żgħażaġh, jistgħu jipparteċipaw liberament u b'mod sinifikanti sabiex jiġu promossi d-djalogu, il-parteeipazzjoni politika usa', il-governanza demokratika u l-istat tad-dritt.
3. L-UE tilqa' l-impenji tal-Gvern tal-Kamerun biex isaħħaħ il-governanza lokali, inkluż bl-għoti ta' status speċjali lir-reġjuni tal-Majjistral u tal-Lbiċ, wara d-Djalogu Nazzjonali Ewlieni tal-2019. L-UE tappella għall-implimentazzjoni rapida u effettiva tagħhom fil-qafas tal-proċess ta' deċentralizzazzjoni li għaddej. L-UE toffri l-assistenza mġedda tagħha għal dan fi spirtu ta' sħubija u rispett tal-integrità territorjali tal-pajjiż.
4. L-UE tibqa' mħassba ħafna dwar il-kriżi li għaddejja fir-reġjuni tal-Majjistral u tal-Lbiċ u tikkundanna bl-aktar mod qawwi l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u l-ksur tal-prinċipji umanitarji, filwaqt li tenfasizza l-ħtieġa ta' responsabbiltà. L-UE tikkundanna l-vjolenza kontra persuni ċivili, b'mod partikolari l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, il-ħtif ta' persuni kif ukoll attakki sistematiki fuq skejjel li jipprevjenu l-aċċess għall-edukazzjoni.

5. L-UE tappella għat-tmiem immedjat tal-vjolenza, għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji umanitarji, l-aċċess umanitarju mingħajr xkiel u ambjent sikur għall-ħidma umanitarja. L-UE tappella għal miżuri effettivi għat-tisħiħ tal-fiduċja u l-ftuħ ta' djalogu kostruttiv bejn il-partijiet kollha sabiex jintemm l-ispiral tal-vjolenza u tinstab soluzzjoni fit-tul għall-kriżi. Ir-rwol tad-dijaspora jista' jkun strumentali f'dan ir-rigward. Ma hemm l-ebda soluzzjoni militari għall-kriżi, u t-tkomplija tal-vjolenza ser tkattar aktar il-polarizzazzjoni u taggrava l-emerġenza umanitarja.
6. L-UE tafferma mill-ġdid ir-rieda tagħha li tappoġġa b'mod aktar attiv kwalunkwe inizzjattiva ta' medjazzjoni sinifikanti, li tista' twassal għal soluzzjoni paċifika u fit-tul, inkluż il-proċess immexxi mill-Iżvizzera. Il-bidu mill-ġdid u t-tisħiħ progressiv tas-servizzi bażiċi, inkluż l-edukazzjoni, l-aċċess għall-ilma, is-sanità u l-iġjene, ser ikunu kruċjali biex terġa' tinkiseb il-fiduċja, jiġu stabbilizzati r-regġuni u jiġi xprunat it-tkabbir ekonomiku. L-UE tappella għall-parteċipazzjoni ugwali u sinifikanti tan-nisa fil-proċessi tal-medjazzjoni, tal-paċi u tas-sigurtà. L-UE hija lesta li takkumpanja r-rikonstruzzjoni ta' żoni l-aktar milquta mill-vjolenza bħala parti integrali minn proċess ta' rikonċiljazzjoni u bini tal-paċi kompletament inklużiv, li għalihom it-tmiem immedjat tal-ostilitajiet u l-istabbiliment ta' djalogu effettiv bejn il-partijiet huma kondizzjonijiet indispensabbli.
7. L-UE tikkundanna bl-aktar mod qawwi l-azzjonijiet terroristiċi minn Boko Haram u l-Istat Iżlamiku fil-Provinċja tal-Afrika tal-Punent (ISWAP) fit-Tramuntana Imbiegħda, li jammontaw għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem u ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali. L-UE tafferma mill-ġdid is-solidarjetà tagħha mal-Kamerun f'din il-ġlieda. L-UE tirrikonoxxi l-isforzi tal-Kamerun fil-ġlieda kontra t-terroriżmu fil-Baċir tal-Lag Chad u tilqa' r-rwol attiv tiegħu fit-Task Force Konġunta Multinazzjonali (MNJTF). L-UE tinsab ferm allarmata biż-żieda reċenti ta' vjolenza u qtil interkomunali fit-Tramuntana Imbiegħda. L-UE tappella lill-Gvern tal-Kamerun u lill-atturi rilevanti kollha għall-ħidma biex itaffu dawn it-tensjonijiet u biex jippermettu r-ritorn sikur ta' persuni spostati internament u refuġjati. Tinsab lesta, flimkien mas-sħab internazzjonali, biex tkompli l-assistenza tagħha f'dan l-isforz.

8. L-UE tirrikonoxxi l-kontribut ewlieni tal-Kamerun għall-istabbiltà reġjonali, l-isforzi tiegħu biex jiżgura s-sigurtà fil-fruntieri tiegħu u r-rwol tiegħu biex jiżgura s-sigurtà marittima fil-Golf tal-Guinea. L-UE hija impenjata li tkompli taħdem mal-Kamerun fil-qafas tal-Arkitettura ta' Yaoundé u permezz tal-Preżenzi Marittimi Koordinati (CMP) fil-Golf tal-Guinea.
9. Fid-dawl tal-impenji tal-Kamerun għall-Fond Monetarju Internazzjonali taħt il-Faċilità ta' Fond Estiża, l-UE tħeġġeġ lill-Kamerun biex iwettaq riformi strutturali finanzjarji u ekonomiċi biex itejjeb il-governanza ekonomika, il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u l-ambjent ġenerali tan-negozju kif ukoll isaħħaħ il-ġlieda tiegħu kontra l-korruzzjoni.
10. L-UE tinnota bi tħassib kif it-tibdil fil-klima jikkontribwixxi għall-iskarsezza tal-ilma, l-insigurtà tal-ikel u l-kompetizzjoni tar-riżorsi fil-pajjiż, u b'hekk jgħolli l-livelli ta' instabbiltà. L-UE tilqa' l-impenn tal-Kamerun biex isaħħaħ l-approċċi reġjonali għall-konservazzjoni u tinsab lesta li takkumpanja lill-Kamerun fl-intensifikazzjoni tal-azzjoni biex ittejjeb il-ġestjoni tar-riżorsi naturali u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, kif ukoll tindirizza sfidi ambjentali ewlenin oħra bħad-deforestazzjoni u t-telfien tal-bijodiversità inkluż fil-Baċir tal-Kongo.
11. L-UE ser tkompli tappoġġa lill-Kamerun u l-Kamerunjani fl-isforzi tagħhom biex jibnu pajjiż stabbli u prosperu għal kulħadd, fejn il-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem huma rispettati bis-sħiħ.